MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 2134/1995/1

**Carmelo u Louise konjugi Borg**

**Vs**

**Mary Camilleri armla ta' Carmelo ghal kull interess li jista` jkollha; Ernest Camilleri, Donald Camilleri, Monica Mifsud nee` Camilleri, Natalie Spiteri nee` Camilleri; u l-istess Mary Camilleri li b'digriet ta' l-14 ta' Frar 1996 giet nominata kuratrici deputata biex tirraprezenta lill-assenti Johnny Camilleri li jinsab imsiefer il-Kanada.**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fis-6 ta' Dicembru 1995 li bih l-atturi premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-atturi jiggestixxu u jmexxu banka tal-lottu f'Santa Venera;

Premess illi Carmelo Camilleri, zewg il-konvenuta Mary Camilleri u missier il-konvenuti l-ohrajn, meta kien ghadu haj xtara diversi biljetti u partiti tal-lottu minghand l-atturi;

Premess illi l-imsemmi Carmelo Camilleri miet fis-17 ta' April, 1975 (ara dokument 'A');

Premess illi l-imsemmi Carmelo Camilleri qabel ma miet kien lahaq tella' kont ammontanti ghal elf sitt mija u tmenin liri Maltin u sittin centezmu (Lm1680.60) rapprezentanti biljetti u partiti tal-lottu li xtara minghand l-atturi;

Premess illi l-imsemmi Carmelo Camilleri miet *ab intestat* (ara Dok. 'B' u 'C') u bhala unici eredi tieghu halla lill-konvenuti ahwa Camilleri;

Premess illi fil-mument tal-mewt kienet tezisti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn l-imsemmi Carmelo Camilleri u martu l-konvenuta Mary Camilleri u ghalhekk ghandha interess f'kull debitu li halla warajh u komponenti mill-eredita` tieghu;

Premess illi l-konvenuti gew mitluba jaqhmlu l-hlas ta' elf sitt mija u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm1680.60) lill-atturi fil-vesti taghhom fuq imsemmija, pero` baqghu inadempjenti;

Talbu ghalhekk l-atturi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi s-somma ta' elf sitt mija u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm1680.60) bl-imghaxijiet legali mill-prezenti sal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-atturi, il-lista tax-xhieda minnhom indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata fit-22 ta’ Novembru 1996 mill-konvenuti li permezz taghha huma eccepew:-

1. Illi preliminarjament it-talba ta’ l-atturi hija preskritta ai termini tal-ligi;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talba ta’ l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-mejjet Carmelo Camilleri ma kienx tella’ xi kont ghall-biljetti u partiti tal-lottu kif pretiz mill-istess atturi;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat id-digriet ta’ l-4 ta’ Marzu 1998 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjarji l-avukat Dr. Mark Chetcuti u l-komputista John Bonnici biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali nominat Dr. Mark Chetcuti li tinsab a fol. 121 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tat-8 ta’ Novembru 2000;

Rat id-digriet tal-25 ta’ Jannar 2002 li permezz tieghu gie revokat l-inkarigu moghti lill-espert komputista;

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Fuq l-apprezzament tieghu tal-provi l-perit legali nominat impernja l-konkluzjonijiet bl-akkoljiment tat-talba attrici fuq dawn il-konsiderazzjonijiet hawn raggruppati:-

I. Il-kredenza fih li l-versjoni ta’ l-atturi kienet wahda plawsibbli u attendibbli;

II. Il-konvinciment indott fih fuq is-smiegh *viva voce* tax-xhieda illi l-atturi, nonostante anke kontro-ezami serrat, baqghu fidili mal-posizzjoni centrali raffiguranti t-talba taghhom;

III. L-aspett karatterjali ta’ l-attur Carmelo Borg: it-timidezza tieghu, l-hbiberija qawwija u sinciera li kellu mal-kongunt tal-konvenuti, hekk bazata fuq l-element tal-fiducja u ta’ l-irgulija, in-nuqqas ta’ antagonizmu jew risentiment versu d-debitur defunt, il-fatt tas-sostenn ghas-segretezza nvokata mill-mejjet bil-ghan li jzomm ferm u shih l-attribut ta’ ragel tal-familja minghajr vizzji;

IV. Akkoppjat, imbaghad, ma’ dan kollu l-fatt illi l-konvenuti kien aktar hsiebhom jittrinceraw ruhhom wara d-difiza illi l-atturi ma kellhomx kitba dwar id-dejn milli biex attivament jinnewtralizzaw il-kontenzjoni ta’ l-atturi;

Issa l-istess perit legali jitlaq, bhala punt ta’ partenza minn dawn iz-zewg premessi, u cjoe:

(a) Li l-prova tad-debitu m’hemmx bzonn li tirrizulta espressament minn kitba;

(b) Li, fl-ahhar mill-ahhar, il-kwestjoni tirreduci ruhha ghal wahda ta’ kredibilita`;

Jinhass oppportun jekk qabel ezami ta’ dawn iz-zewg proposizzjonijiet jigu nkwadrati brevement dawn il-fatti:

(i) Carmelo Camilleri kien gugatur assidwu u frekwenti tal-banka tal-lottu gestita mill-atturi. Huwa kien jilghab lottu bil-mohbi tal-familja (Ara Affidavit ta’ l-attur, fol. 19). Ix-xiri tal-biljetti kien ivarja bejn tletin (Lm30) u hamsin lira (Lm50) fil-gimgha. Dan skond kalkolu tax-xhud Simon Vella (fol. 37). Izda wara li rebah xi darbtejn fuq xulxin beda jilghab anke tmenin lira (Lm80) fil-gimgha (kontro-ezami ta’ l-attur, fol. 84). Sahansitra ssokta jilghab il-lottu anke meta assentixxa ruhu minn Malta ghall-perjodu ta’ tliet xhur fil-Kanada biex izur lil ibnu;

ii. Huwa kien jaghmel xi pagamenti pero` l-kont baqa’ tiela sakemm lahaq is-somma reklamata. Fl-1995 l-attur waqqaflu l-kreditu, u aktar martu milli hu bdiet tinsisti ghall-hlas. Dan il-kont kien jinzamm fuq speci ta’ skartafacc intestat “Consul” li kienet il-marka tal-vettura tal-mejjet. Dan bl-iskop ta’ identifikazzjoni billi l-mejjet ma riedx li ismu jidher fuq il-karti ghax kien jibza’ li ssir taf il-mara (kontro-ezami ta’ l-attrici Louise Borg, fol. 94);

iii. L-imsemmi Carmelo Camilleri qatt ma nnega d-dejn u anzi kien iserrah mohh l-atturi li ma kienx ser icahhadhom minnu;

iv. Il-mejjet gieli rrenda servizzi lill-atturi pero` dawn dejjem hallsuh taghhom;

v. Il-konvenuta Mary Camilleri, filwaqt li tirrikonoxxi l-fatt li zewgha kien jilghab il-lottu pero` zmentiet il-fatt li dan kien jaghmlu bil-goff (kontro-ezami a fol. 96). Dwar zewgha ssoktat issostni li dan kien jafda maghha f’ kollox u illi ma kien hemm xejn f’ hajtu u lanqas fil-mument ta’ mewtu, li sehhet hesrem, illi haba jew zamm lura minnha (Affidavit, fol. 44);

vi. L-istess konvenuta kompliet tghid illi anzi zewgha kien jinsisti maghha biex ma thallix kontijiet pendenti mhux imhallsa. Biex tissostanzja dan ipproduciet bhala xhud lil Peter Debattista (fol. 55), gestur ta’ hanut ta’ l-

*ironmongery*, li kkonferma li l-mejjet ghalkemm kien jixtri *on credit*, dejjem hallsu wara xi granet;

Dan premess, huwa indubbju illi hafna mill- meritu jiddependi mill-kredibilita` u l-attendibilita` tax-xhieda prodotta. Hu minnu wkoll illi fil-kaz in ezami din il-Qorti kif presjeduta ma kellhiex l-opportunita` hi stess tisma' x-xhieda jiddeponu quddiemha ghaliex hadet konjizzjoni tal-process wara li l-provi kienu fil-fatt ingabru quddiem gudikant iehor u l-perit legali. L-apprezzament taghha tal-fatti provati hu allura bazat fuq ezami tal-process u s-sottomissjonijiet tal-kontendenti fin-Noti rispettivi taghhom (fol. 155 u fol. 161);

F'kawzi ta' din ix-xorta dak li hu essenzjali hu l-applikazzjoni tal-principju illi min jallega jrid jipprova (Artikolu 562, Kapitolu 12);

Ibda biex din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-perit relatur fis-sens illi ghal prova tad-debitu ma hijiex indispensabbli l-prova skritta, u huwa bizzejjed illi l-ezistenza tieghu jkun pruvat bi kwalunkwe mod iehor li jikkonvinci. Huwa in fatti ammess u rikonoxxut mid-dritt probatorju illi tali prova tista' tkun diretta, bhal dokumenti, xhieda, u l-konfessjoni tad-debitur, kif ukoll indiretta, bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizji kapaci li jissodisfaw u jikkonvincu lill-gudikant. Dan dejjem u naturalment skond ic-cirkostanzi u l-fatti tal-kaz, kif emergenti mir-rizultanzi processwali;

Fil-kaz *de quo* din il-prova, hekk inkombenti fuq l-atturi, jidher li saret minnhom;

Il-Qorti trid tirregistra l-fatt illi dan il-kaz ippreokkupaha mhux ftit ghax fil-ahhar mill-ahhar, kif gja determinat mill-perit legali, dan jirreduci ruhu ghall-kwestjoni ta' kredibilita` li, dati c-cirkostanzi, hi pjuttost spinuza. Dan anke ghaliex id-debitur principali gie nieqes u allura l-

versjoni attrici kien jehtiegilha tircievi cirkospezzjoni fi grad oghla;

B’danakollu din il-preokkupazzjoni ma kinitx twassal sal-punt illi l-Qorti tibqa’ fi stat ta’ perplessita` jew ta’ dubju li b’ konsegwenza ghandu jiffavorixxi l-linja ta’ difiza tal-konvenuti;

Konsiderati fil-kumpless taghhom il-provi, u in partikolari t-test tal-verosimiljanza, ghandu jiffavorixxi ferm izjed il-versjoni ta’ l-atturi. Dan anke ghaliex din il-Qorti hi moralment certa u konvinta illi din hi fededenja ta’ akkoljiment. Fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja l-Qorti ma tara xejn inverosimili l-ispjegazzjoni fornita mill-atturi illi d-defunt verament ried jevita li l-membri tal-familja tieghu jkollhom gharfien tad-debbolezza tieghu tal-loghob tal-lottu fuq skala hekk kbira. U ghalhekk il-Qorti taccetta bhala plawsibbli l-versjoni tal-fatti kif relatati mill-atturi. Dan anke fuq l-istregwa tal-kostatazzjoni tal-perit legali li l-attur hu bniedem sincier u ma kienx ser japprofitta ruhu mill-fatt illi d-debitur u habib tieghu kien lahaq miet;

Il-Qorti tikkonkorda wkoll mal-perit legali illi l-preskrizzjoni eccepita ai termini ta’ l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, ma kinitx opponibbli gjaladarba kien hemm ir-rikonjizzjoni tad-debitu. Tali rikonoxximent igib skond il-ligi (Artikolu 2109, Kapitolu 16) kawza interruttiva tal-preskrizzjoni. Dan hu hekk sahansitra anke jekk ir-rikonoxximent isir wara li jkun ghadda z-zmien tal-preskrizzjoni (**Vol. XLIII P II p 744**);

Gjaladarba din il-Qorti wkoll akkordat affidament lill-versjoni ta’ l-atturi, ir-rinunzja ta’ Carmelo Camilleri ma setghetx ma titqiesx wahda espressa rizultanti minn espressjoni cara u univoka bir-rikonoxximent ta’ l-ammont tad-debitu dovut minnu;

Finalment il-Qorti ma ssibx illi l-attur, ghan-nuqqas ta’ zamma regolari ta’ ktieb tal-kummerc itrasgredixxa xi

disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodici tal-Kummerc, jew li ghaldaqshekk kien traskurat. Ma jirrizultax illi l-attur ippekka meta zamm semplici skartafacc bl-annotament tieghu fuqu ta' min hu kien ikkoncedielu facilita` kreditizja u kien ghad baqalu jaghtih;

Tabilhaqq, imbaghad, il-materja taht konsiderazzjoni ma kinitx tirrigwarda z-zamma regolari, o meno, ta' kotba tal-kummerc. Il-konkluzjoni raggunta, anke kieku kellu jigi accettat il-principju guridiku "*charta contra scribentem non pro scribentem*" (**Vol. XXX P I p 889**), kienet bazata mhux unikament fuq s-semplici notamenti, regolari o meno, ta' l-attur izda fuq il-kumpless tal-provi konsiderati *tout ensemble* u l-aspett tal-kredibilita`.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, takkolji t-talba attrici u b' hekk tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf sitt mija u tmenin lira Maltija u sittin centezmu (Lm1680.60,0), rapprezentanti xiri ta' biljetti tal-lottu minn Carmelo Camilleri, awtur tal-konvenuti. Fuq din is-somma jithallsu l-interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni (4 ta' Novembru 1996).

L-ispejjez tal-kawza jibqghu a kariku ta' l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------